MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 603/2004

**Emanuel Mercieca**

**Vs**

**Teodosio sive Dennis Baldacchino u Emanuela Baldacchino**
**mart l-istess Teodosio sive Dennis Baldacchino**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ Lm1,400.00c (elf u erba’ mitt lira Maltin) rapprezentanti self maghmul lill-konvenuti ai termini ta’ skrittura privata datata 23 ta’ Marzu 1992.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Emanuel Mercieca li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm1,400.00c (elf u erba' mitt lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------